KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6/2023

22 ta' Gunju 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fil-11 ta' filghodu.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma Kienx hemm

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**6.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**6.1.** Ma kellniex.

**6.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**6.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 5.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

**6.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Vincent Bongailas u ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana l-minuti ġew approvati unanimament.

**Punti mill-Minuti Preċedenti :**

**6.3** 1 Is-Sur Vince Bongailas xtaq jistaqsi xi mistoqsijiet fuq punti mis-seduta preċedenti

Is-Seg Eżek qalet lis-Sur Bongailas illi dak kollu li staqsa fl-aħħar seduta ġie mwieġba permezz ta' emails matul ix-xahar lis-Sur Bongailas stess.

2 Is-Sinjura Chircop staqsiet jekk is-suġġeriment tal-'embelismhent' ta' Triq Santa Filumena għadx ħa jkun hemm diskussjonijiet qabel ma' wieħed jikkonferma u jiddeċiedi.
Is -Sindku wieġeb illi ser tkun qed tissejjaħ laqgħa ma' IM nhar il-25 ta' Lulju fuq din il-kwistjoni biex jiġu diskussi l-punti kollha li ġew imsemmija fis-seduta preċedenti dwar din il-kwistjoni u ser ikun qed jagħti 'feedback' lill-kunsill b'dak li ser jiġi diskuss waqt din il-laqgħa stess.

**6.4** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku:**

1. **Quarterly Financial Statements Jan – Marzu 2023 –**

Is-Seg Eżek spjegat dan ir-rapport fejn il-kunsill approvah unanimament biex b'hekk ikun jista' jitella' online kif inhu suppost bil-liġi. Is-Sindku żied jgħid illi wieħed ukoll għandu jsemmi illi l-kunsill finanzjarjament mar ħafna aħjar minn meta tneħħew l-iskips u wieħed jara d-differenza fl-infieq ta' Jannar u Frar meta kienu għadhom jintużaw l-iskips għal Marzu fejn l-iskips tneħħew.

2. **Permess għal żvilupp Triq il-Progress –** Is-Sindku informa l-kunsill dwar laqgħa li kellu mar-residenti ta' Triq il-Progress fuq permess ta' żvilupp li hemm għaddej fiż-żona. Din il-laqgħa saret 'on site' kif talbu wkoll ir-residenti stess mas-Sindku u mal-Perit tal-kunsill il-għaliex forsi ħasbu li l-kunsill ma bediex jgħatihom wieden fuq din il-kwistjoni. Is-Sinjura Sultana staqsiet għalfejn il-kunsill ma kienx infurmat b'din il-laqgħa. Is-Sindku wieġeb u sostna illi r-residenti talbu laqgħa speċifikament mas-Sindku u mhux mal-kunsill kollhu biex l-affarijiet ikunu ċari. Tajjeb li wieħed ikun jaf illi l-ewwel board li sar mill-Planning Authority il-kunsill lanqas biss ġie infurmat bih. Wara din il-laqgħa s-Seg Eżek ħadet ħsieb tinforma l-Planning illi l-kunsill għandu jiġi inkluż fil-korrespondenza u dak li qed jiġri. Ser ikun hemm 'board 'ieħor f'Lulju fejn bħala kunsill ser inkunu preżenti online flimkien mal-Perit biex skond id-deċiżjonijiet / kummenti li jingħadu l-kunsill ikun jista' wkoll jappella u jgħaddi l-kummenti tiegħu formalment mal-Planning bħala support għal karba ta' dawn ir-residenti kif ukoll biex il-kunsill ikun parti u jkompli jissalvagwardja l-uniku parti tal-Wied li fadal f'dik iż-żona. Il-kunsill mhux ħa jkun qed jiġġieled li ż-żona tingħata jew ma tingħatax għal bini l-għaliex fil-passat din iż-żona diġa' kienet ingħatat permess pero' l-kunsill ser ikun qiegħed ta' spalla għal karba tar-residenti.

3. **Triq Ġdida 'Smart City Malta' –** Is-SIndku nforma l-kunsill dwar laqgħa li kellu ma' IM fejn kien mgħajjat għalih biex jiġi infurmat dwar il-proġett ta' Triq ġdida li ser tkun qed tgħaqqad iż-żona ta' Smart City ma' ħaż-Żabbar. Is-Sindku wkoll wera preżentazzjoni mibgħuta wkoll mill-istess awtorita' bħala dokument ta' informazzjoni. Is-Sindku qal illi din il-kwistjoni forsi wieħed ħaseb illi dan il-proġett kien raqad imma fil-verita' kien hemm ħidma li forsi ma setgħetx tidher sa ma issa qed niġu kkonsultati fuq din it-triq. L-upgrade jinkludi wkoll illi issa ser jiġi inkluż toroq li parti kbira minnhom qiegħedin fil-konfini tal-Kalkara. Dan ifisser upgrade ta' fejn ħanut tal-laħam partikolari fil-lokal, fejn il-ground u fejn iċ-ċumnija ser jiġi upgraded ukoll wara anke diskussjonijiet li ilhom jinqalgħu minn żmien għal żmien f'seduti preċedenti tal-kunsill. Dawn issa ġew inklużi f'dan il-proġett.

4. **Każ Finanzjarju lill-Gvern Ċentrali –** Is-Sindku nforma l-kunsill illi s-Seg Eżek flimkien mal-accountants bgħatet il-każ finanzjarju anke b'dokumenti ta' fatti miegħu hekk ukoll kif issuġġerew id-dipartiment tal-kunsilli l-Ministeri kkonċernati biex forsi wieħed jifhem is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istess kunsill u ningħataw widen biex jiżdiedu l-fondi allokati għal kunsill tal-Kalkara biex ovjament tittejjeb il-pożizzjoni tal-kunsill visavi finanzi dejn u ħlasijiet.

5. **Knis-** Is-Sindku reġa' fakkar illi ftit ta' xhur ilu l-kunsill iddeċieda unanimament li wara l-iskeda l-kuntratt tal-knis il-kunsill iddeċieda li bħala prova ma jinħariġx tender ieħor u naraw kif imorru bil-ħaddiema li għandna assenjati magħna dan l-iktar l-iktar ħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-istess kunsill. Tajjeb li wieħed isemmi illi mingħajr il-kuntratt sa issa l-kunsill franka mas-7000 ewro pero' s-servizz m'huwiex wieħed sodisfaċenti minħabba ħafna raġunijiet varji. Is-Sindku qal illi fil-preżent hawn ħafna ħmieġ fil-lokal u wieħed irid jara

kif ħa jsolvi din il-kwistjoni. Is-Sindku saħaq illi lanqas hu sew li tintefa' r-responsabbilta' kollha fuq il-ħaddiema tagħna fuq il-ħmieġ li qed jiġi ġġenerat għax wieħed ma jistax jinsa l-ammont ta' kostruzzjoni li għaddej bħalissa fix-Xatt, is-sens ċiviku u aktar. Is-Sindku qal ukoll illi bil-ħaddiema tagħna wieħed għandu ħafna limitazzjonijiet.

Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilleira fuq din il-kwistjoni, l-kunsill iddeċieda unanimament illi għal dawn it-tlett xhur li ġejjin il-kunsill iġib kwotazzjoni formali biex jinġieb kennies mhux kuljum li jkollu skeda ta' knis approprijata dan sakemm is-Seg Eżek tibda tħejji 'draft' ta' tender biex jinħareġ formalment iktar tard din is-sena. Dan wara li kulħadd qabel illi l-lokal għandu bżonn dan is-servizz illum qabel għada.

## 6. Attivita' Ġnien Rnella

Is-Sindku spjega illi l-attivita' li saret fi Ġnien Rnella b'kollaborazzjoni ma' Esplora saret mil-lum għal għada minħabba illi r-rikjesta minn Esplora kienet waslet veru mil-lum għal għada. Is-Sindku qal illi ma dak li talbu Esplora żied l-ordnjiet ta' 'bouncy castles' u attività bil-foam biex ikun hemm aktar konkorenza minħabba li l-ħin kien wieħed kmieni f'ħin ix-xemx. Is-Sindku insab b'mod kuntent illi attività żgħira bħal din saret veru fi ftit sijat u l-konkorenza kienet waħda kbira fejn fil-fatt il-parteċipanti talbu lis-Sindku stess jikkonsidra jerġa' jorganizza xi ħaġa simili fix-xhur tas-Sajf.

## 7. Ġranet tal-Festa

Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex jimxu id f'id miegħu fil-ġranet tal-festa li ġejjin dalwaqt dan il-għaliex kulħadd jaf illi l-festa ġġib magħha kumplikazzjonijiet, xogħol u forsi anke argumenti li wieħed ikun irid isolvi minn issa għalissa. Talab lill-kunsilliera jibqgħu f'kuntatt miegħu dirett għal dak kollu li jiltaqgħu miegħu fil-jiem tal-festa li jista' jkun ta' deterrent jew problema għal attivitajiet organizzati. Żmien sabiħ għal lokal però jekk wieħed ma jikkolaborax jinħolqu forsi problemi bla bżonn.

**6.5 Korrespondenza:**

.

Ma kienx hemm

**6.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

**1 Vincent Bongailas**

**Attivitajiet sportivi**

Is-Sur Bongailas informa l-kunsill illi lejn nofs Lulju ser jinbdew l-attivitajiet sportivi għas-Sajf bħal kull sena organizzati minnhu f'isem il-kunsill lokali. Is-Sur Bongailas żied jgħid illi fil-jiem li ġejjin ser ikun qed iħalli l-applikazzjonijiet fl-uffiċini tal-kunsil lokali biex kull min hu nteressat jiġi jiġbor l-applikazzjoni mill-kunsill u anke forsi jkollom bżonn xi għajnuna biex tintela'.

**2 Maria Sultana**

**Attivita' Jum il-Librerija**

Is-Sinjura Sultana saħqet li kienet kuntenta ferm għal attivita' organizzata matul ix-xahar ta' Ġunju bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-iskola Primarja fejn ukoll ingħata rikonoxximent lill-'Head of school' li issa wkoll spiċċa mill-iskola. Hija qalet kemm ħadet gost tara tfal edukati u bravi jipparteċipaw għal dak li kien ħejja l-kunsill għalihom.

**3 Speranza Chircop**

**Transport**

Is-Sinjura Chircop għamlet enfażi fuq l-ilmenti kollha li qed jidħlula visavi s-servizz tat-transport pubbliku illi fejn tidħol il-Kalkara m'huwiex wieħed kif suppost. Semmiet rotot mhux kompluti mix-xufiera, karozzi full up kif ukoll mhux qed tinżamm l-iskeda kif suppost.

Is-Sinjura Sultana ikkonfermat dan il-punt b'esperjenza tagħha personali meta ġiet biex tuża s-servizz pubbliku hi stess fejn ukoll aċċertat illi x-xufier ma kienx mill-iktar edukati magħha anzi pjuttost bil-kontra.

**Ħarġa Kulturali / Sqallija**

Is-Sinjura Chircop għaddiet rendikonti / rapporti fuq il-ħruġ organizzati fix-xahar ta' Ġunju kif ukoll is-safra lejn Sqallija għal affini ta' trasparenza mal-kumplament tal-kunsill stess bħas-soltu.

**Laqgħa Dimensia**

Is-Sinjura Chircop qalet illi avolja din kienet l-ewwel laqgħa ta' informazzjoni organizzata kienet tinsab kuntenta bl-ammont ta' parteċipanti u qed tispera illi laqgħat organizzati fil-futur ikunu aktar ta' interess il-għaliex informazzjoni hija waħda tajba ħafna għal kulħadd inġenerali.

**6.7 Punti Ġenerali**

1. Is-Sinjura Sultana xtaqet titkellem fuq 4 punti:
**'Health and safety' - Xogħol ta' kostruzzjoni x-Xatt –**

Is-Sinjura Sultana wriet ritratt ta' żona partikolari x-Xatt fejn bħalissa qed isir ir-riġenerazzjoni tax-Xatt hemm ħafna perikli u xtaqet isaqsi jekk matul ix-xogħolijiet ikunx hemm rappreżentant ta' 'health and safety' il-għaliex hemm ħafna żoni ta' periklu għan-nies.

**Żieda ta' tabelli – Ġnien Rnella** Is-Sinjura Sultana qed tissuġġerixxi li jsiru tabelli apposta biex jinstab dan il-ġnien il-għaliex il-pożizzjoni tiegħu m'hijiex waħda faċli biex issib u hi stess ġieli rat nies iduru biex isibuh.

**Bankina perikoluża – Luqqata k/m Sienja** – Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hemm manhole perikoluża immens fuq din il-bankina biex forsi il-ħaddiema tal-kunsill iduruwa naqra minħabba 'health and safety'.

**GPS karozzi turistiċi** – Is-Sinjura Sultana talbet il-kunsill jinforma lill-kumpanija partikolari li tikri karozzi turistiċi biex dawn ikunu infurmati illi fil-preżent ħafna mit-toroq huma magħluqa speċjalment ħabba r-riġenerazzjoni tax-Xatt dan wara illi rat karozzi hi stess mitlufin ma jafux minn fejn ser jgħaddu peress li l-GPS provdut mal kirja ovvjament mhux updated bir-rotot temporanji li bħalissa għandna fil-lokal.

2.Is-Sinjura Speranza Chircop xtaqet issemmi xi punti fuq iż-żona tax-Xatt rigward il-progett ta' riġenerazzjoni li għaddej bħalissa fosthom il-moll għoli bla slielem fejn wieħed ma jistax jinżel fuq id-dgħajsa tiegħu komdu. Is-Sindku wieġeb illi din il-kwistjoni diġà kienet ġiet diskussa mal-awtoritajiet ikkonċernati wara li daħal f'dan l-ilment hu personali għal affini ta' dawk kollha li jagħmlu użu minn dan il-moll.

**6.1 12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fis-2:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-19 ta' Lulju 2023 fl 11:00 ta' filghodu.

Konfermati, illum ________________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv